



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2012/2033(INI)

6.7.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-allegati trasportazzjoni u żamma illegali ta' prigionieri f'pajjiżi Ewropej mis-CIA: segwitu tar-Rapport tal-Kumitat tat-TDIP tal-PE (2012/2033(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sarah Ludford (*)

(*) Proċedura ma' kumitati assoċjati – L-Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Unjoni Ewropea hija stabbilita fuq impenn għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-dritt internazzjonali, mhux biss fil-politiki interni tagħha, iżda wkoll fid-dimensjoni esterna tagħha; billi l-impenn tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem, imsaħħaħ bid-dħul fis-seħħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-proċess ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, għandu jiġi rifless fl-oqsma kollha tal-politika sabiex il-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem issir effettiva u kredibbli;
- B. billi l-istrumenti li jirregolaw il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE (PESK) jinkludu d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) u ż-żewġ Protokolli Fakultattivi tagħha, u l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura (CAT), u l-Protokoll Fakultattiv għall-CAT, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Tortura u tat-Trattament jew Pieni Inumani jew Degradanti tal-Kunsill tal-Ewropa, li mhux biss jipprevedu l-projbizzjoni assoluta fuq it-tortura iżda jirrikjedi wkoll investigazzjoni ta' allegazzjonijiet ta' tortura; billi l-linji gwida tal-UE dwar it-tortura jipprovdu qafas għall-isforzi tal-UE 'għall-prevenzjoni u l-eradikazzjoni tat-tortura u t-trattament ħażin fil-partijiet kollha tad-dinja';
- C. billi detenzjoni sigrieta, li tikkostitwixxi għajbien sfurzat, tista' tammonta, jekk ipprattikata b'mod wiesa' u sistematiku, għal reat kontra l-umanità; billi stati ta' emerġenza u l-ġlieda kontra t-terroriżmu jikkostitwixxu ambjent li jippermetti d-detenzjoni sigrieta;
- D. billi, sabiex jiżguraw il-promozzjoni tal-liġi internazzjonali u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-ftehimiet kollha ta' assoċjazzjoni, ta' kummerċ u ta' kooperazzjoni jinkludu klawżoli għad-drittijiet tal-bniedem, u billi l-UE għandha wkoll djalogi politiċi ma' pajjiżi terzi fuq il-bażi tal-linji gwida tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu l-ġlieda kontra l-piena tal-mewt u t-tortura; billi fil-qafas tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), l-UE tappoġġja lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiġġieldu t-tortura u jappoġġjaw ir-riabilitazzjoni ta' vittmi tat-tortura;
- E. billi l-istudju konġunt tan-NU dwar prattiki globali b'rabta mad-detenzjoni sigrieta fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (A/HRC/13/42) imħejji mir-Rapporteur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali filwaqt li jiġi miġġieled it-terroriżmu, ir-Rapporteur Speċjali dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Għajbien Sfurzat jew Involontarju iddeskrivew fid-dettall l-użu ta' siti ta' detenzjoni sigrieti fuq territorju tal-Istati Membri tal-UE bħala parti mill-programm tas-CIA, u ittri ta' segwitu ntbagħtu lill-Istati Membri u talbu informazzjoni addizzjonali kif speċifikat fir-Rapporti ta' Komunikazzjonijiet tal-Proċeduri Speċjali, inkluż dak tat-23 ta' Frar 2012 (A/HRC/19/44);

- F. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti huma bbażati fuq sħubija b'saħħitha u kooperazzjoni f'haġna oqsma, abbażi ta' valuri komuni ta' demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; billi l-UE u l-Istati Uniti saħħu l-impenn tagħhom fil-ġlieda kontra t-terroriżmu minn meta seħħew l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001, notevolment bid-Dikjarazzjoni Konġunta kontra t-Terroriżmu tat-3 ta' Ġunju 2010, iżda billi huwa neċessarju biex fil-prattika jiżguraw konformità skont impenji ddikjarati u biex jegħlbu diverġenzi bejn il-politiki tal-UE u tal-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;
- G. billi l-awtoritajiet tal-Istati Uniti għaddew, f'Diċembru 2011, dispożizzjonijiet dwar id-detenzjoni fl-Att ta' Awtorizzazzjoni ta' Difiża Nazzjonali li jintroduċu detenzjoni indefinita ta' persuni suspettati li kienu involuti f'azzjonijiet terroristiċi fl-Istati Uniti u jdgħajfu d-dritt għal proċess dovut tal-liġi u proċess ġust; billi l-ambitu tal-NDAA huwa s-suġġett għal kontestazzjoni legali;
- H. billi, fit-22 ta' Jannar 2009, il-President Obama ffirmat tliet ordnijiet eżekuttivi li jipprojbixxu t-tortura waqt l-interrogazzjonijiet, li jistabbilixxu task force bejn l-aġenziji biex jirrevedu b'mod sistematiku l-politiki u l-proċeduri ta' detenzjoni, u reviżjoni tal-każijiet kollha individwali, u li jordnaw l-għeluq ta' Guantánamo;
- I. billi, madanakollu, Guantánamo għad irid jingħalaq minħabba oppożizzjoni qawwija mill-Kongress tal-Istati Uniti; billi, sabiex jiġi jgħalluq, l-Istati Uniti talbet lill-Istati Membri tal-UE biex jospitaw prigionieri ta' Guantánamo; billi l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem esprima diżappunt qawwi għall-falliment li jingħalaq Guantánamo u għad-dħul ta' sistema ta' detenzjoni arbitrarja;
- J. billi l-prigionieri ta' Guantánamo għadhom qed jiġu soġġetti għal tribunali militari, notevolment wara d-deċiżjoni tal-President tal-Istati Uniti tas-7 ta' Marzu 2011 li jiffirma l-ordni eżekuttiva li neħħiet waqfa ta' sentejn fuq proċessi ġodda quddiem qrati militari u l-liġi tas-7 ta' Jannar 2012 li tipprojbixxi t-trasferimenti ta' prigionieri ta' Guantánamo lejn l-Istati Uniti għal proċess;
- K. billi l-Parlament Ewropew b'mod ripetut talab biex il-ġlieda kontra t-terroriżmu tkun tirrispetta b'mod sħiħ id-dinjità tal-bniedem, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam, abbażi tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-UE u kostituzzjonijiet nazzjonali u liġijiet ta' drittijiet fundamentali, u tenna din it-talba l-aħħar fir-rapport tiegħu dwar il-politika tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, fejn qal ukoll li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa prekondizzjoni biex tkun żgurata l-effettività tal-politika;
- L. billi, għalkemm l-UE uriet l-impenn tagħha biex tevita kollużjoni fit-tortura permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005¹, emendat l-aħħar f'Diċembru 2011², li jipprojbixxi kwalunkwe esportazzjoni jew importazzjoni ta' oġġetti li m'għandhom l-ebda użu Prattiku ħlief għall-għan ta' piena kapitali, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħrajn, għad irid isir aktar xogħol biex tkun żgurata kopertura komprensiva;

¹ ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1.

² ĠU L 338, 21.12.2011, p. 31.

- M. billi d-dipendenza fuq assigurazzjonijiet diplomatiċi biss biex tiġi awtorizzata l-estradizzjoni jew id-deportazzjoni ta' persuna lejn pajjiż fejn hemm raġunijiet sostanzjali biex jitqies li individwi jkunu fil-periklu li jiġu soġġetti għal tortura jew trattament ħażin hija inkompatibbli mal-projbizzjoni assoluta tat-tortura fil-liġi internazzjonali, fil-liġi Ewropea u tal-UE u l-kostituzzjonijiet u l-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri¹
- N. billi l-Parlament Ewropew ikkundanna ripetutament u bil-qawwi l-prattiki illegali inklużi 'konsenja straordinarja', is-sekwestru, id-detenzjoni mingħajr proċess, l-għajbien, il-ħabsijiet u t-tortura sigrieti, u talab investigazzjonijiet sħaħ dwar l-allegat livell ta' involviment ta' xi Stati Membri b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti, notevolment is-CIA, u li jinvolvi territorji tal-UE; O. billi l-kummissjoni ta' atti illegali fit-territorju tal-UE setgħet żviluppat fil-kuntest ta' ftehimiet multilaterali jew bilaterali tan-NATO; 1. Ifakkar li strateġiji kontra t-terroriżmu jistgħu jkunu biss effettivi jekk jitwettqu strettament skont obbligi tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari skont id-dritt għal proċess ġust; 2. Itenni l-kundanna tiegħu ta' Prattiki ta' Rendiment Straordinarju, ħabsijiet u tortura sigrieti, li huma projbiti mil-liġi interna u internazzjonali tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u li jiksru fost l-oħrajn id-drittijiet għal-libertà, is-sigurtà u t-trattament uman, il-libertà mit-tortura, in-non-refoulement, il-preżunzjoni ta' innoċenza, il-proċess ġust, il-konsulenza legali u protezzjoni ugwali skont il-liġi; 3. Jikkunsidra li huwa essenzjali li l-UE tikkundanna Prattiki abbużivi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż dawk li jitwettqu fuq it-territorju tagħha, mhux biss sabiex l-UE tgħix skont il-valuri tagħha imma wkoll sabiex tiddefendihom b'mod kredibbli fis-sħubijiet esterni tagħha; 4. Itenni li applikazzjoni sħiħa tal-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem tal-ftehimiet hija fundamentali fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u pajjiżi terzi u jqis li hemm momentum reali biex jiġi rivedut kif il-gvernijiet Ewropej ikkooperaw mal-apparat ta' ripressjoni tad-dittatorjati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; iqis f'dan ir-rigward li l-Politika Ewropea tal-Viċinat li għadha kemm ġiet riveduta għandha għib appoġġ b'saħħtu għar-riforma fis-settur tas-sigurtà, li għandu jiżgura, b'mod speċjali, separazzjoni ċara bejn funzjonijiet ta' informazzjoni sigrieta u infurzar tal-liġi; jistieden lis-SEAE, il-Kunsill u l-Kummissjoni biex iżidu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura u mekkaniżmi oħra rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' assistenza fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi u fil-forom kollha ta' djalogi kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi; 5. Itenni t-talba tiegħu, skont il-liġi internazzjonali u, b'mod partikolari, l-Artikolu 12 tas-CAT, għall-istati kollha li qed jiffaċċjaw allegazzjonijiet kredibbli sabiex jagħmlu kull sforz sabiex jipprovdu l-kjarifiki neċessarji u, jekk l-indikazzjonijiet jippersistu, biex iwettqu investigazzjonijiet u inkjesti dwar l-atti kollha allegati ta' Rendiment Straordinarju, ħabsijiet sigrieti, tortura u ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex jistabbilixxu l-verità u, jekk neċessarjament, jiddeterminaw ir-responsabbiltà, jiżguraw l-obbligu ta' rendikont, u jevitaw l-impunità inkluż li jinġiebu individwi quddiem il-ġustizzja fejn ikun hemm evidenza ta' responsabbiltà kriminali; f'dan ir-rigward, jistieden lir-RGħ/VP u l-Istati Membri tal-UE biex jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiġi żgurat segwitu xieraq għall-Istudju Konġunt tan-NU dwar Prattiki globali fir-rigward tad-detenzjoni sigrieta fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ittra ta' segwitu li

¹ Artikolu 5 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u l-każistika relatata, u Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

ntbagħtet mid-detenturi tal-Mandat Speċjali fil-21 ta' Ottubru 2011 lil 59 stat li talbet lill-gvernijiet rispettivi tagħhom biex jipprovdu aġġornament dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'dan l-istudju;

6. Jistieden lill-Istati Uniti u lill-awtoritajiet tan-NATO sabiex iwettqu l-investigazzjonijiet proprji tagħhom, jikkollaboraw bis-sħiħ mal-inkjesti parlamentari jew ġudizzjarji tal-UE u tal-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet,^{fn} inkluż, fejn relevanti, jirrispondu fil-pront għat-talbiet għal assistenza reċiproka, jiżvelaw l-informazzjoni dwar il-programmi ta' rendiment straordinarju u prattiki oħra li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jipprovdu r-rappreżentanti legali tas-suspettati bl-informazzjoni kollha neċessarja għad-difiża tal-klijenti tagħhom; jitlob għal konferma li l-ftehimiet kollha tan-NATO u ta' bejn in-NATO u l-UE u ftehimiet oħrajn transatlantiċi jkunu jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali;

7. Jagħti ġieħ lill-inizjattivi tas-soċjetà ċivili tal-Istati Uniti biex twaqqaf fl-2010 task force indipendenti magħmula miż-żewġ partiti biex teżamina l-politika u l-azzjonijiet tal-Gvern tal-Istati Uniti relatati mal-qbid, id-detenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' "terroristi suspettati" u l-kustodja tal-Istati Uniti waqt l-amministrazzjonijiet ta' Clinton, Bush u Obama;8.

Jistieden lill-awtoritajiet rilevanti sabiex ma jinvokawx is-segretezza statali fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-intelliġenza internazzjonali sabiex jiġu blukkati l-obbligu ta' rendikont u r-rimedju, u jinsisti li raġunijiet nazzjonali awtentiċi dwar is-sikurezza biss jistgħu jiġġustifikaw is-segretezza, li fi kwalunkwe każ tiġi wara l-obbligi tad-drittijiet fundamentali mhux derogabbli bħall-projbizzjoni assoluta tat-tortura;9. Jistieden lill-UE sabiex tiżgura li l-obbligi internazzjonali tagħha stess jiġu osservati bis-sħiħ u li politiki tal-UE u l-istrumenti tal-politika barranija, bħal-linji gwida dwar it-tortura u djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, ikunu implimentati bis-sħiħ, sabiex tkun f'pożizzjoni aqwa biex titlob l-implimentazzjoni rigoruża ta' klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali kollha ffirmati minnha u li tħeġġeġ lill-alleati ewlenin tagħha, bħall-Istati Uniti, sabiex jirrispettaw il-liġi interna u internazzjonali tagħhom;

10. Ifakkar li l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura jeħtieġ l-istabbiliment ta' sistemi ta' monitoraġġ li jkopru s-sitwazzjonijiet kollha ta' tiċħid tal-libertà, u jinsisti fuq il-fatt li l-konformità ma' dan l-istrument internazzjonali żżid element ta' protezzjoni; jinkoraġġixxi b'mod qawwi l-pajjiżi sieħba tal-UE biex jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv u biex joħolqu mekkaniżmi preventivi indipendenti nazzjonali li huma kompatibbli mal-Prinċipji ta' Pariġi, u biex jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat;11. Jistieden lill-Gvern ta' Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM) jaċċerta responsabbiltajiet u jiżgura obbligu ta' rendikont għall-ħtif, mid-dehra minħabba identità żbaljata, ta' Khaled el-Masri, li wasslitu għad-detenzjoni illegali tiegħu u għat-tortura; jiddeplora n-nuqqas ta' azzjoni mill-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Skopje biex iwettaq investigazzjoni kriminali fil-ilment ta' El-Masri; jinnota li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ħadet dan il-każ u li l-Awla Manja kellha l-ewwel smiġh tagħha fis-16 ta' Mejju 2012; iqis li l-allegazzjoni kontra l-imġiba tal-Gvern tal-Maċedonja fil-każ tas-Sinjur El-Masri huma inkonsistenti mal-prinċipji fundamentali tal-UE tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt u għandhom jitqajmu kif xieraq mill-Kummissjoni fil-qafas tal-proċess tal-adeżjoni tal-Maċedonja mal-UE;12. Huwa kkonċernat b'mod partikolari mill-proċedura mwettqa minn kummissjoni militari tal-Istati Uniti fir-rigward tas-Sinjur Abd al-Rahim al-Nashiri, li jista' jiġi kkundannat għall-mewt jekk jinsab ħati; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jirregolaw l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt

fuq is-Sinjur al-Nashiri u jtenni l-oppożizzjoni li ilu jħaddan kontra l-piena tal-mewt fi kwalunkwe każ u f'kull ċirkostanza; jinnota li l-każ tas-Sinjur al-Nashiri ilu quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mis-6 ta' Mejju 2011; jistieden lill-awtoritajiet ta' kwalunkwe pajjiż fejn is-Sinjur al-Nashiri tħalla juża l-mezzi kollha disponibbli biex jiżguraw li huwa ma kienx soġġett għall-piena tal-mewt; iħeġġeġ lir-RGħ/VP biex tressaq il-każ tas-Sinjur al-Nashiri bħala kwistjoni ta' prijorità quddiem l-Istati Uniti, billi jiġu applikati l-Linji Gwida tal-UE dwar il-piena kapitali; 13. Jafferma mill-ġdid li l-ġlieda internazzjonali kontra t-terroriżmu u l-kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali internazzjonali f'dan il-qasam, inkluż fil-qafas tan-NATO jew bejn servizzi ta' intelliġenza u sikurezza, għandhom ikunu mwettqa b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali u b'sorveljanza demokratika u ġudizzjarja xierqa; jistieden lill-Istati Membri tal-UE, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Kunsill sabiex jiżgura li dawn il-prinċipji jiġu applikati fir-relazzjonijiet barranin tagħhom, u jinsisti li għandhom jagħmlu evalwazzjoni bir-reqqa tar-rekords tal-kontrapartijiet tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem qabel ma jidħlu għal xi ftehim ġdid, notevolment dwar kooperazzjoni fir-rigward ta' informazzjoni sigrieta u kondiżjoni ta' informazzjoni, għandhom jirrevedu ftehimiet eżistenti fejn daww il-kontrapartijiet ikollhom nuqqas ta' konformità mad-drittijiet tal-bniedem, u għandhom jinfurmaw lill-Parlament dwar il-konklużjonijiet ta' tali valutazzjonijiet u revizzjonijiet; 14.

Itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex tiġi eskluża, bħala bażi għall-estradizzjoni jew deportazzjoni ta' persuni meqjusa bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali, id-dipendenza fuq sempliċi assigurazzjonijiet diplomatiċi fejn hemm raġunijiet sostanzjali biex jitqies li individwi jkunu fil-periklu li jiġu soġġetti għal tortura jew trattament ħażin jew li jsir proċess bl-użu ta' evidenza miksuba permezz tat-tortura; 15. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet rilevanti biex jiżguraw li ssir distinzjoni stretta bejn l-attivitajiet ta' servizzi ta' informazzjoni sigrieta u sigurtà min-naħa waħda u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi min-naħa l-oħra, sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju ġenerali ta' 'nemo iudex in sua causa' jiġi mħares; 16. Jenfasizza li l-Kumitat Temporanju tal-PE li wettaq l-investigazzjoni li kienet il-baży tar-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Frar 2007 u tad-19 ta' Frar 2009 wera kif il-proċeduri għal awtorizzazzjoni u kontroll tal-inġenji tal-ajru ċivili li jtiru fuq l-ispazju tal-ajru jew jinżlu fit-territorju tagħhom kienu estremament żbaljati, b'hekk mhux talli kienu jiġu abbużati fir-'rendimenti straordinarji' tas-CIA's, iżda wkoll evitati faċilment minn kull operatur ta' kriminalità organizzata, inklużi networks ta' terroristi; ifakkar ukoll fil-kompetenza tal-Komunità fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport u r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament lill-Kummissjoni biex tirregola u tissorvelja l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti u l-avjazzjoni mhux kummerċjali tal-UE; għalhekk, jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ma jkomplu jipposponu l-analiżi bir-reqqa tal-implimentazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Chicago) rigward awtorizzazzjoni u ispezzjonijiet ta' inġenji tal-ajru ċivili li jtiru fl-ispazju tal-ajru jew jinżlu fit-territorju tagħhom, sabiex jiġi żgurat li tittejjeb is-sigurtà u jsiru kontrolli b'mod sistematiku, billi jeħtieġu l-identifikazzjoni antiċipata ta' passiġġieri u ekwipaġġ, u jiżguraw li kwalunkwe titjiriet ikklassifikati bħala 'titjiriet stali' (li huma esklużi mill-ambitu tal-Konvenzjoni) qed jingħataw awtorizzazzjoni minn qabel u kif suppost; ifakkar ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament li l-Konvenzjoni ta' Tokyo dwar ir-Reati u Ċerti Atti Oħra Mwettqa Abbord Inġenji tal-Ajru tiġi msaħħa b'mod effettiv mill-Istati Membri;

17. Jistieden lill-Konferenza tal-Prezidenti tad-Delegazzjoni biex tiżgura li jinbdew djalogi

parlamentari dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali filwaqt li jiġi miġġieled it-terroriżmu abbażi ta' u bħala segwitu tas-sejbiet tal-Istudju Konġunt tan-NU dwar prattiki globali fir-rigward tad-detenzjoni sigrieta fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tas-segwitu tagħha, u tal-kompilazzjoni min-NU ta' prattiki tajba dwar oqfsa u miżuri legali u istituzzjonali li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem minn aġenziji tal-informazzjoni sigrieta filwaqt li jiġi miġġieled it-terroriżmu, inkluża s-sorveljanza tagħhom; 18. Jistieden lill-Istati Uniti, minħabba r-rwol ewlieni tas-sħubija Transatlantika u t-tmexxija tal-Istati Uniti f'dan il-qasam, sabiex jinvestigaw bis-sħiħ u jiżguraw obbligu ta' rendikont għal kwalunkwe abbuż li ġie prattikat, jiżguraw li liġi internazzjonali u domestika hija applikata b'mod sħiħ bil-għan li ttejjem nuqqasijiet legali, itemmu l-proċessi quddiem qrati militari, japplikaw bis-sħiħ il-liġi kriminali għal dawk suspettati b'terroriżmu u jstabilixxu reviżjoni tad-detenzjoni u *habeas corpus*, proċess ġust, il-libertà mit-tortura u n-nondiskriminazzjoni bejn ċittadini barranin u tal-Istati Uniti;

19. Jistieden lill-President Obama sabiex jonora l-wegħda tiegħu magħmula f'Jannar 2009 sabiex jingħalaq Guantánamo, biex jippermetti lil kwalunkwe persuna arrestata li ma tkunx se tiġi akkużata tmur lura pajjiżha jew pajjiż ieħor sigur malajr kemm jista' jkun, sabiex jitressqu l-persuni arrestati fi Guantánamo li jkun hemm prova ammissibbli suffiċjenti kontribom mingħajr dewmien f'seduta ta' smigħ ġusta u pubblika minn qorti indipendenti u imparzjali u jiżguraw li, jekk jinstabu ħatja, jiġu impriġunati fl-Istati Uniti skont l-istandards u l-prinċipji internazzjonali applikabbli; jeħtieġ bl-istess mod li jiġi investigat il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li seħħ f'Guantanamo u li jiġu rfinati r-responsabbiltajiet;
20. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jirrevokaw is-setgħa ta' detenzjoni indefinita mingħajr akkuża jew proċess taħt l-NDAA;
21. Jitlob lill-Istati Membri tal-UE biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha minn Għajbien Sfurzat;
22. Jitlob sabiex kwalunkwe persuna arrestata li ma tkunx se tiġi akkużata iżda li ma tistax tkun ripatrijata minħabba r-riskju reali ta' tortura jew persekuzzjoni f'pajjiżha sabiex tingħata l-opportunità ta' risistemazzjoni fl-Istati Uniti taħt protezzjoni umanitarja u tingħata rimedju¹, u jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE sabiex huma wkoll jospitaw persuni miżmuma fi Guantánamo;
23. Jistieden lill-UE biex tiżgura li l-Istati Membri, assoċjati u msieħba tal-UE, b'mod partikolari taħt il-Ftehim ta' Cotonu, li aċċettaw li jospitaw dawk li qabel kienu priġunieri fi Guantánamo, fil-fatt jagħtuhom appoġġ sħiħ fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' għajxien u billi jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà, trattament mediku inkluż irkupru psikoloġiku, aċċess għal dokumenti ta' identifikazzjoni u tal-ivvjaġġar, l-eżerċizzju tad-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet fundamentali l-oħra kollha attribwiti lill-persuni bi status ta' asil politiku.

¹ Ara l-paragrafu 3 tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Frar 2009 dwar ir-ritorn u r-rilokazzjoni tal-priġunieri tal-faċilità ta' detenzjoni ta' Guantánamo (P6_TA (2009)0045).

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.7.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 60 -: 3 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pino Arlacchi, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Mario Mauro, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñoz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Pier Antonio Panzeri, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Libor Rouček, Tokia Saïfi, Nikolaos Salavrakos, György Schöpflin, Werner Schulz, Adrian Severin, Marek Siwiec, Geoffrey Van Orden, Kristian Vigenin, Sir Graham Watson, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Charalampos Angourakis, Jean-Jacob Bicep, Véronique De Keyser, Andrew Duff, Tanja Fajon, Hélène Flautre, Elisabeth Jeggle, Baroness Sarah Ludford, Carmen Romero López, Helmut Scholz, Indrek Tarand, Alejo Vidal-Quadras, Dominique Vlasto, Joachim Zeller
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Petru Constantin Luhan